**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-23 ta' Gunju**

**SENTENZA DWAR IL-KONTUMACJA TAL-KONVENUT**

**Kawza numru: 380/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 08**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Vienna Bugelli (K.I. 643859M) sija bil-polza u sija bil-Ligi u kif ukoll l-istess Vienna Bugelli**

**Msida Road**

**Gzira**

**Vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar – Saint Paul's Bay Local Council,**

**St Paul's Street,**

**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Din hija decizjoni dwar l-kontumacja tal-konvenut.

Mill-atti jirrizula li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tal-ewwel dehra fil-21 ta' Jannar 2020 u li r-risposta tal-Kunsill konvenut giet prezentata fil-21 ta' Frar 2020.

Illi l-avukat tas-socjeta' attrici qed tikkontendi li tali risposta ghandha tigi sfilzata stante li r-risposta tal-Kunsill konvenut dahlet tardivament.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici u r-risposta tal-konvenut.

Ikkonsidra r-regolament numru 4.2 tal-Ligi sussidjarja 378.01 li jaghmilha tassativa li l-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talba fi zmien tmintax-il jum mid-data meta jkun gie notifikat bl-Avviz tat-Talba. Dan huwa terminu perentorju u ghalhekk ma jistax jigi estiz (vide sentenza Qorti tal-Appell Sede Inf. Per Imh A Ellul Peter Gatt vs Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited 29.1.2016) .

Jekk jonqos l-attur jista jitlob lit-Tribunal biex johrog ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat. "Ordni t'inadempjenza" hi mfissra f'Regola 2 bhala "decizjoni tat-Tribunal fuq il-kwistjonijiet li jkun hemm quddiemu wara li xi parti tonqos milli twiegeb jew tammetti, talba jew kontro-talba li tkun giet notifikata bihom."

Galadarba l-konvenut ma pprezentatx twegiba fit-terminu kontemplat mil-ligi kienet kontumaci. It-Tribunal josserva wkoll kif mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut talab lit-Tribunal sabiex jiggustifika l-fatt li ma pprezentax twegiba. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Waste Control Services Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta 19 ta' Gunju 2001:

"Li kieku l-konvenut appellant minflok qabad u pprezenta nota tal-eccezzjonijiet b'mod irritwali ghaliex kien totalment "fuori termine" u ma kienx awtorizzat jimxi diversament, intavola talba biex jiggustifika l-kontumacja tieghu jew ta' lanqas ottjena "visto" mill-kontro-parti, allura f'dak il-kaz l-ewwel Qorti kienet tkun obbligata li ma tissorvolax tali operat, imma l-konvenut appellant minn dan kollu m'ghamel proprju xejn. Kwindi l-

pretensjoni tieghu li n-nota (ta' l-eccezzjonijiet) kellha tigi gudikata ma hijiex gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz."

Dwar l-argumenti mressqa mill-konvenut u l-kazistika msemmija minnu dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imh Ellul hawn fuq citata fejn il-Qorti qalet ukoll li dwar is-sentenza: Wembley Crane Hire Limited vs Sergio Gauci ta' dan it-Tribunal diversament preseduta tas-06 ta' Marzu 2012.

"Il-Qorti ghandha r-rizervi, apparti li f'dak il-kaz kienu japplikaw regolamenti differenti. Il-Qorti temmen li l-prezenza tal-konvenut m'hijiex bizzejjed sabiex ikun jista jressaq id-difiza u l-provi biex jirribatti ghal-pretenzjoni tal-attur f'kaz li ma jwegibx jew jipprezenta twegiba li hi rritwali. Jekk ikun mod iehor ikun ifisser li wara li l-attur jaghlaq il-provi, il-konvenut ikun facilment iressaq difiza u provi kif jaqbillu. L-ghan wara twegiba hi li l-konvenut jiddikjara mil-bidu tal-process x'inhi d-difiza tieghu u b'hekk l-attur ikun infurmat."

Dwar it-tieni sentenza kkwotata mill-konvenut fir-risposta tieghu dan it-Tribunal ma ghandux xi jzid tenut kont li din kienet kwotata minn dan it-Tribunal diversament preseduta fis-sentenza: Wembley Crane Hire Limited vs Sergio Gauci hawn fuq citata tenut kont li l-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri warbet ghal kollox l-argument espost f'dik is-sentenza.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: Giuseppi Caruana vs Charles Psaila (21 ta' Marzu 1997) fejn inghad:

"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw l-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri li ghandha fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio….In-nullita' tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat

quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita' tkun giet migjuba a konoxxenza taghha".

Illi ghalhekk kieku l-konvenut deher fl-ewwel dehra u ta lit-Tribunal ir-ragunijiet tieghu ghaliex ma pprezentax ir-risposta tieghu fil-hin kieku dan it-Tribunal kien jikkonsidra jilqax it-talba tieghu biex jipprezenta r-risposta ghat-talba; izda l-konvenut minn dan ma ghamel xejn u qabad u pprezenta r-risposta tieghu meta kien jaf li huwa 'fuori termine'.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet tal-atturi u jiddikjara li l-konvenut huwa kontumaci u jordna l-isfilz tar-risposta tal-konvenut.

Spejjez fis-sentenza finali.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**